MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 659/2002/1

**Charmaine Camilleri**

**vs**

**Eugenio *sive* Gino u Giovanna Antida konjugi Abdilla**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' April, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Ihallsu lill-attrici s-somma ta’ sitt mija u disghin Lira Maltin (LM690.00,0) rapprezentanti rifuzjoni ta’ kera mhallsa anticipatament u rizarciment ta’ spejjez maghmula minnha in konnessjoni ma’ l-istess kirja, u dan wara l-prevja dikjarazzjoni li l-iskrittura datata erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-attrici kriet minghand il-konvenuti l-fond numru tnax (12) Triq Papa Giovanni, Mosta, hija nulla u invalida fil-ligi in kwantu affetta minn difett fil-kunsens ta’ l-attrici u minn frodi da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

2. Bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Jannar tas-sena 2002, u bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali msemmija, tac-cedola ta’ depozitu numru 39/2002 tal-11 ta’ Jannar tas-sena 2002, bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa in subizzjoni, u bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata s-26 ta' Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha ecceppew is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dana peress illi fl-iskrittura tal-lokazzjoni tal-fond 12, Triq Papa Giovanni, Mosta ma saret ebda frodi da parti tal-eccipjenti u l-kunsens tal-attrici ma’ kien ivvizzjat b’ebda mod kif qed tallega l-attrici. Illi l-attrici qalghet dawn l-allegazzjonijiet biss wara li hadet il-fond imsemmi b’titolu ta’ lokazzjoni u ghar-ragunijiet li tafhom hi biss iddecidiet li riedet tinhall mill-kirja. Inoltre l-pretensjonijiet tal-attrici waslu biex saret din il-kawza, biss wara li l-esponenti ntavolaw huma kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar biex jithallsu ta’ arretrati ta’ kera;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti wkoll datata s-26 ta’ Novembru tas-sena 2002 li wara esponew is-segwenti:

1. Illi l-esponenti krew il-fond numru 12 Triq Papa Giovanni, Mosta. Illi wara li saret il-kirja, l-attrici

bdiet tilmenta li l-post ma kienx tajjeb ghaliha ghaliex ma kellhiex fejn twehhel air-conditioning unit u tank tal-ilma;

2. Illi meta marret fuq is-sit biex tara l-post, qabel ma saret l-iskrittura tal-kera, l-attrici kienet rat b'ghajnejha kif huwa mqassam il-fond u kienet taf li l-arja tal-fond, li anqas tappartjeni lill-epsonenti, ma hijiex parti mill-kawza;

3. Illi minkejja dan kollu Camilleri zammet ghandha l-fond in kwistjoni ghal zmien tlett xhur, wara liema zmien iddecideiet li tivvina l-allegazzjoni ta' frodi fuq l-iskrittura;

4. Illi waqt li zammet il-fond, l-attrici ghamlet hsarat konsiderevoli fil-fond in kwistjoni liema hsarat jammontaw ghal mitejn u erbghin Lira Maltin (LM240);

Talbu:

(1) Tiddikjara li l-attrici Charmaine Camilleri hija responsabbli ghall-hsarat li saru fil-fond numru 12 Triq Papa Giovanni, Mosta tul il-perjodu li dan il-fond kien mikri lill-attrici;

(2) Tikkundanna lil Charmaine Camilleri thallas lill-konjugi Abdilla s-somma ta' mitejn u erbghin Lira Maltin (LM240) rappresentanti danni minnhom sofferti kif hawn fuq spjegat;

(3) Bl-ispejjez;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenuta datata d-19 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti *ratione valoris*;

2. Fil-mertu, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-esponenti ma kkawzat l-ebda hsarat fil-fond *de quo;*

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-decizjoni preliminari taghha datata t-22 t’April tas-sena 2003 fejn ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Semghet ix-xhieda l-ohra prodotta;

Rat id-dokumenti ulterjuri esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi tramite l-intervent ta’ sensala, l-attrici marret tara l-garage proprjeta’ tal-konvenuti biex tara tkunx tista’ tkabbar in-negozju taghha fih;

2. Illi meta rat dan il-fond rat li dan kien tajjeb ghall-iskopijiet li riedet tuzah izda peress li ma kellux bitha fejn setghet tpoggi tank ta’ l-ilma peress li dan kien necessarju ghan-negozju propost, jidher li l-konvenut assiguraha li setghet tpoggi t-tank fuq il-bejt;

3. Illi din l-assigurazzjoni tirrizulta li saret anke quddiem is-sensala fuq riferita u quddiem missier l-istess attrici;

4. Illi fortifikata b’din l-assikurazzjoni lilha ripetuta diversi drabi l-attrici ddecidiet li tikkonkludi l-kuntratt mal-konvenut fir-rigward;

5. Illi giet ghalhekk redatta skrittura privata datata l-24 ta’ Settembru tas-sena 2001 li pero’ ma

tirrispekkjax din il-konsiderazzjoni principi li ddeterminat il-volonta’ ta’ l-attrici li tikkonkludi l-iskrittura de quo;

6. Illi meta l-attrici intebhet b’din il-lacuna determinanti ghan-negozju propost indunat li setghet kienet raggirata mill-konvenut u ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi b’din il-procedura ghar-rifuzjoni ta’ l-ammont ta’ kera mhallsa u spejjez minnha inkorsi;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li l-konvenut assigura lill-attrici bil-possibilita’ li jkollha tank ghall-ilma tant essenzjali ghan-negozju minnha propost, u dan anke quddiem terzi indipendenti;

Illi din l-assigurazzjoni hi wahda tant determinanti li kienet l-aktar konsiderazzjoni importanti li fuqha bbazat id-decizjoni taghha l-attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li t-talba attrici ghandha tigi akkolta u konsegwentement filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tal-konvenuti, takkolji t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Eugenio sive Gino u Giovanna Antida konjugi Abdilla biex ihallsu lill-attrici Charmaine Camilleri l-ammont ta’ sitt mija u disghin Lira Maltin (LM690.00,0), rapprezentanti rifuzjoni u spejjez kif minnha indikati fl-avviz odjern, bl-ispejjes u imghaxijiet skond il-ligi.”

In linea preliminari l-konvenuti jallegaw in-nullita` tas-sentenza appellata moghtija fil-konfront taghhom fuq il-bazi illi din hija priva minn motivazzjoni. Dan huma jorbtuh ma’ dawn iz-zewg aggravji:-

(1) Fir-rigward tat-talba attrici, is-sentenza ma tikkontjeni ebda dikjarazzjoni dwar li l-kunsens ta’ l-attrici appellata kien ivvizzjat jew li fil-fatt kien twettaq fil-konfront taghha l-frodi lamentat minnha;

(2) Fil-kaz tal-kontro-talba, l-ewwel Qorti ma ssottomettiet l-ebda ragunijiet il-ghala din kellha tigi michuda. *Multo magis*, imbaghad, meta tali kontro-talba ma kellha ebda ness ma' l-iskrittura li kienet qed tigi mpunjata izda kienet tirrigwarda biss reklam ghad-danni mhollija mill-attrici fil-fond lokat;

L-appellanti ssollevaw ukoll b' aggravji agguntivi kritika ta' l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kif ukoll irripetew il-konsiderazzjoni mqanqla quddiem dik il-Qorti, u cjoe, gjaladarba, dak li tnizzel fl-iskrittura ta' lokazzjoni kien jirrifletti l-ftehim kollu pattwit bejn il-partijiet kontraenti, *ergo* ma kienx ammissibbli li jingiebu provi testimonjali kontra l-miktub;

Huwa logiku hafna illi l-ewwel kompitu ta' din il-Qorti huwa dak li tezamina l-ilment principali tan-nuqqas ta' motivazzjoni in kwantu jekk il-Qorti ssib li dan hu sostenut u l-pregudizzju derivanti ma jistax jissewwa hlief billi tigi dikjarata nulla s-sentenza minhabba difett ta' motivazzjoni mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kumplament ta' l-aggravji sollevati;

Jibda biex jigi osservat bhala punt ta' ligi illi skond l-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Procedura, "fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procediment, ghat-talbiet ta' l-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut". Isegwi mbaghad bl-Artikolu 219 ta' l-istess Kodici illi "kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deciziva jew obbligatorja, ghandha tigi mdahhla fid-dispozitiv";

L-interpreti ta' dawn id-disposizzjonijiet appena riportati jipprovdu b' linji gwida dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) "*Per riconoscere il vero portato di una sentenza occorre indagare quale fosse la questione sulla*

*quale il giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedetta il suo giudizio ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo e mettendolo in armonia colla motivazione, la quale è anche essa parte della sentenza, sebbene dalla stessa non ne sorga il giudicato, e quando la parte dispositiva di una sentenza fosse concepita in termini generici, il suo significato puo essere ristretto dalle considerazioni che la motivarono*”. (**Kollez. Vol. XXIV P I p 157**);

(2) “Il-volonta` tal-gudikant tista’ tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza; id-dispositiv ma ghandux jittiehed separatament mill-motivat, imma ghandu jigi minn dan definit u spjegat”. (**Kollez. Vol. XXX P I p 131; Vol. XXXVIII P I p 51**);

(3) Kif ritenut drabi ohra jezistu sitwazzjonijiet fejn certi konstatazzjonijiet li tkun ghamlet il-Qorti huma fis-sustanza veri dispozitivi anke jekk dawn ma jkunux effettivament qeghdin fil-parti dispozitiva izda f’ parti ohra tas-sentenza (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 230**);

(4) Salv allura li l-konkluzjoni finali ma tkunx kontradittorja mal-konstatazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet li jkun hemm fil-parti razzjonali u purke dawn l-istess dikjarazzjonijiet ikunu almenu intelligibbli, anke jekk mhux necessarjament dettaljati, l-istess parti konkluziva tas-sentenza ma ghandhiex ghalfejn tirrepeti dak li jkun gja jinsab espost fil-parti razzjonali taghha. L-importanti huwa li jkun hemm decizjoni u mhux l-ubikazzjoni taghha f’ parti jew ohra tas-sentenza. (**Kollez. Vol. XLIX P I p 441**);

Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet kif jemergu mill-gurisprudenza taghna, kif gja fuq espost, l-appellanti jqanqlu zewg obbjezzjonijiet kontra s-sentenza appellata fir-rigward tal-motivazzjoni taghha;

Kwantu ghall-ewwel obbjezzjoni din il-Qorti tikkonkorda pjenament mas-sottomissjoni ta’ l-attrici appellata fir-risposta ta’ l-appell taghha illi kwantu ghat-talba taghha,

kif dedotta fl-avviz, is-sentenza attakkata tikkontjeni elementi sufficjenti dimostrattivi tar-ragonament li fuqu l-ewwel Qorti rpozat il-konkluzjoni taghha ghall-akkoljiment tat-talba attrici;

Hekk mill-ezami tal-korp tas-sentenza nsibu li l-ewwel Qorti esprimiet b' fehmiet proprji illi l-attrici kienet, minn qabel ir-redazzjoni tal-kitba tal-ftehim lokatizju, inghatat assigurazzjoni mill-konvenuti, sidien tal-garage, illi hi setghet tinstalla tank ta' l-ilma fuq il-bejt. Dik l-istess Qorti ghamlet imbaghad il-konstatazzjoni illi l-iskrittura ma kienetx tirrispekkja din il-konsiderazzjoni li ddeterminat il-volonta` taghha biex ghaddiet ghar-ragonament illi l-attrici kienet b' hekk giet raggirata mill-konvenut. Dan kollu jinkwadra ruhu fit-termini tal-premessi ghad-domanda pretiza, kif approvata mill-Qorti fil-parti deciziva tas-sentenza taghha;

In vista ta' dawn l-osservazzjonijiet ma jistax jinghad li s-sentenza tiddifetta in kwantu ghat-talba attrici. Il-motivazzjoni taghha hi sew indirizzata u tikkontjeni dak il-minimu essenzjali li ma jwassalx ghan-nullita` tas-sentenza fuq dan il-punt. L-obbjezzjoni ta' l-appellanti f' dan il-kuntest qeghda ghalhekk tigi respinta;

Mhux l-istess pero` jghodd fil-kaz tal-kontro-talba, intiza din fil-qafas tar-ragunijiet prefissi fl-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12. F' dan il-kuntest is-sentenza appellata illimitat ruhha, fil-parti deciziva taghha, biex semplicement tirregetta formalment il-kontro-talba. Mill-kumplament dwarha ma nsibu l-ebda osservazzjoni jew dikjarazzjoni dwar x' wassal lill-ewwel Qorti biex taghmel dan, u allura wiehed ma jistax jorbot l-parti deciziva ma' xi dikjarazzjoni esposta fil-korp ta' l-istess sentenza. Fil-verita` jista' jinghad illi dak id-dispozitiv ma jistax jigi sostenut "*tota sententia perspecta*";

Mhux biss ma gietx konsiderata kif suppost il-kontro-talba u li dwarha l-konvenut xehed u ressaq il-provi tieghu fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2003 (fol. 74), izda lanqas l-

eccezzjonijiet ghaliha. Eccezzjonijiet li kienu *inter alia,* jolqtu l-kompetenza ta' l-istess Qorti adita, apparti difiza fil-meritu. Effettivament minn imkien ma jirrizulta li l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza ghall-kontro-talba giet deciza, anke ghaliex dik l-ohra, deciza bis-sentenza tat-22 ta' April 2003, kienet tikkolpixxi biss il-kwestjoni tal-kompetenza riferibilment ghat-talba attrici, hekk sollevata mill-Qorti nnifisha fil-verbal tat-30 ta' Jannar 2003 (fol. 12);

Indubitament, il-Qorti hi certament obbligata bil-provvediment tal-ligi (Artikolu 218, Kapitolu 12) li fis-sentenza taghti opinjoni motivata fejn ikun hemm talbiet specifici jew eccezzjonijiet ghalihom. Dan jghodd ukoll fil-kaz tal-kontro-talbiet u l-eccezzjonijiet ghalihom. Minn dan kollu fis-sentenza appellata ma nsibu xejn;

Illum, kif saput, taht l-inkalzar tal-gurisprudenza evoluta mill-organi gudizzjarji Ewropej in materja jinsorgi l-principju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta fis-sentenza izda wkoll li din trid tkun adegwata. "Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu kienet tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-principju appena accennat li gie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f' kull kaz kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-kwestjonijiet ta' fatt u dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kawza, kienet certament id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel grad li kellha tkun l-aktar ezawrjenti proprju ghaliex hi l-motivazzjoni taghha li kellha tipprovdi l-bazi ta' l-aggravju ta' l-eventwali appell moghti lil tribunal ta' revizjoni" - "**Gordon Agius -vs- Avukat Generali**", Appell, 20 ta' Dicembru, 2000;

Naturalment dan ma jfisserx illi l-Qorti kellha taghti bilfors, anke fuq il-fatti, motivazzjoni elaborata imma li almenu l-kontendenti jkunu jafu r-raguni ghaliex it-talba jew kontro-talba tkun qed tigi milqugha jew michuda. Kif gja fuq manifest hi l-fehma ta' din il-Qorti illi dan l-element ta' motivazzjoni bazika li l-appellanti f' dan il-kaz kellhom dritt

ghaliha tinsab nieqsa ghal kollox fid-decizjoni appellata. Dan s’ intendi riferibilment u unikament ghall-kontro-talba taghhom.  Minhabba dan id-difett hu l-kaz li din il-Qorti tiddikjara nulla s-sentenza denunzjata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell interpost u b’ hekk tannulla s-sentenza appellata in bazi ghall-konsiderazzjoni li tinsab nieqsa minn motivazzjoni approprijata fir-rigward tal-kontro-talba.  Fic-cirkostanzi din il-Qorti qed tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti ghar-rikonsiderazzjoni tal-gudizzju taghha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet f’ din is-sentenza maghmula.

L-ispejjez gudizzjarji tal-kawza jibqghu sopportati ndaqs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------